MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 76

30 ta’ Ottubru 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 76 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 30 ta’ Ottubru 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għamel referenza għall-minuta 2.1.2. (Ref: A/4/5/Vol II) tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara hekk:

*“2.1.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attivitajiet marbuta mal-Car Free Day saru kif kien ippjanat, għalkemm kienu mxekkla bil-previżjonijiet li kienet ser tagħmel ix-xita. Dan il-fattur jidher illi skoraġġew xi tfal u żgħażagħ milli jattendu. Għalkemm Triq is-Selmun ingħalqet bejn id-9.00am u s-1.30pm, l-attivita` ġiet trasferita għall-open air gym fil-Park tal-Familja, fejn kien hemm żfin u kant. Fejn il-kappella ta’ Selmun kien hemm logħob tal-futbol mit-tfal li jattendu l-Mellieħa Football Nursery. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li l-pony rides ġew ikkanċellati minħabba l-previżjonijiet tat-temp.”.*

1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 2.7.3. **(Ref: W/3/Vol XI)** u ppropona li tinqara kif ġej:

*“2.7.3. Is-Segretarju tenna li attwalment huwa ma jafx f'liema ħinijiet qed jingħata s-servizz mill-Gwardjani Lokali, minkejja li qed titħejja skeda minnu minn xahar għal xahar. Huwa lmenta wkoll li l-Gwardjani ngħataw struzzjonijiet biex ma jersqux lejn l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur C. Debono nsista li dan mhux aċċettabbli għar-raġuni li l-Kunsill għandu dritt li jkollu skeda tal-ħinijiet, kif ukoll kuntatt mal-Gwardjan li jkun xogħol. Kompla jgħid li dan huwa ndispensabbli biex jiġu ndirizzati ċerti lmenti li jsiru mir-residenti f'dak li jirrigwarda nfurzar tal-ligi. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li għadha ma saritx laqgħa bejn il-Kunsill u l-Kumitat Reġjonali minn meta dan tal-aħħar ġie mwaqqaf.”.*

1.3. I.s-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.3. **(Ref: E/3/6)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif jidher hawn taħt:

*“4.5.3. Is-Sindku qal li Anthony Farrugia ġie mqabbad jagħmel xogħol ta’ watchman fil-Park tal-Familja, filwaqt li John Micallef 413263M ġie assenjat jirrapporta nuqqasijiet li josserva fit-toroq tal-Mellieħa u jgħaddihom lis-Segretarjat sabiex tittieħed azzjoni dwarhom. Charmaine Genovese ingħatat xogħol marbut mal-uffiċċju. Il-persuni l-oħra kienu għadhom ma rrappurtawx għax-xogħol sad-data tas-seduta.”.*

1.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.6.4. **(Ref: T/3/5)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"4.6.4. Is-Sindku qal li huwa dehrlu li ma kellux jattendi fid-dawl ta' stqarrija li ħareġ il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni – l-Onor. Austin Gatt – fejn tħabbar li l-Gvern kien irtira s-sejħa għall-offerti li saret minn Transport Malta u nbeda proċess ta' konsultazzjoni.".*

1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 19.2. **(Ref: T/3/2/Vol X)** tas-seduta preċedenti u talab li tiġi emendata kif ġej:

*"19.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni minħabba ż-żieda fit-traffiku fi Triq il-Vitorja, spiss qed ikun hemm kolliżjonijiet, billi x-xufiera jkollhom joħorġu l-parti ta' quddiem tal-vetturi fil-karreġġjata ta' Triq il-Mitħna l-Qadima sabiex jaraw it-traffiku li jkun ġej miż-żewġ direzzjonijiet tagħha.".*

1.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 20.2 **(Ref: F/2/Vol VII)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara hekk:

*"20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-fatt li fil-festa msemmija nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 2012, kien hemm kjoskijiet u stands tal-ikel li ma kinux armati skont kif kien miftiehem magħhom. Kien hemm ukoll stand tal-ġugarelli li ntrama' f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, minkejja li l-bejjiegħa tal-qubbajt biss kellhom ikunu hemm. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li meta huwa avviċinahom biex jara l-permess, kellhom pjanti annessi li kienu juru xort'oħra.".*

1.7. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 75, bl-inkużjoni tal-emendi mitluba aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Ftuħ mill-ġdid ta' Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (P/4/20/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.3. tas-seduta preċedenti dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-uffiċċju informazzjoni għat-turisti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Is-Sur R. Cutajar qal li x-xogħol tat-tikħil u madum sar mill-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet. Jonqos li issa ssir l-installazzjoni tal-elettriku u tinġieb l-istess linja tat-telefon li kien hemm qabel. Ix-xogħol fuq l-aperturi ġie ordnat u mistennija li jitwaħħlu hekk kif jitlesta x-xogħol fuq l-installazzjoni tal-elettriku.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. *Child Care Centre* fil-Fortizza tas-Salib (T/11)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret laqgħa bejn Dr Gordon Cordina u d-diriġenti tal-Mellieħa Scout Group, bil-għan li jsir magħruf x'possibiltajiet jeżistu li jinġieb finanzjament permezz ta' programmi tal-Unjoni Ewropea. Mill-kuntatti li kien hemm s'issa jidher li dan mhux daqshekk possibbli u għalhekk qed jiġu kkunsidrati sorsi alternattivi.

2.2.3. Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali (W/3/Vol XI)

2.3.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-seduta li jmiss tal-Kumitat Reġjonali ser issir fil-5 ta' Novembru 2012, meta huwa ser ikun jista' jqajjem in-nuqqasijiet li qed jiġu osservati fis-servizz tal-Gwardjani Lokali.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Proġett Terra Mirabilis flimkien mal-Comune di Casalborgone (P/10/12)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti dwar il-konferenza msemmija li żvolġiet fil-Pergola Club Hotel bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2012. Huwa ressaq rendikont dwar id-dħul u l-infieq previst li jkun hemm b'rabta mal-konferenza. Is-Sur R. Cutajar stqarr li l-infieq mistenni li jlaħħaq €12,477, filwaqt li d-dħul mingħajr il-fondi li jistgħu jingħataw tal-Iskema tal-Kofinanzjament huwa stmat li jlaħħaq €7,680, liema somma ser

titħallas mill-fondi tal-Unjoni Ewropea li rċieva l-Comune di Casalborgone. Kompla jispjega li l-ispiża għall-Kunsill ser tkun waħda minima permezz tal-Iskema ta' Kofinanzjament.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. PA 5919/09 – Talba sabiex tinbena lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (P/5/8/G)

2.5.2. Saret referenza minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti dwar applikazzjoni PA 5919/09 sabiex tinbena lukanda ta' tliet stilel f'Nru. 139, Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*Contracts Manager* issottometta rapport fejn ittratta aspetti li jinvolvu:

- L-iżvilupp ta' stabbilimenti kummerċjali tat-Tielet Klassi *vis-à-vis* is-*Secondary Town Centre* u ż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana;
- L-għoli tal-bini permess fil-Pjan Lokali għaż-żona in kwistjoni;
- Il-linja tat-triq fi Triq San Publiju;
- Faċilitajiet ta' parkeġġ fis-sit propost li jiġi żviluppat;
- It-tqattiegħ ta' blat u l-effett li jista' ikollu fuq ix-xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li jestendi mis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa sa Triq l-Isqof Pace.

2.5.3. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-artiklu li deher fil-gazzetta MaltaToday tal-25 ta' Ottubru 2012 fejn intqal li l-MEPA ppubblikat *policy document* għall-konsultazzjoni pubblika li jinvolvu żieda fl-għoli tal-bini skont il-Pjanijiet Lokali, fir-rigward tal-lukandi. Dan bil-għan li jħajjar lil-lukandiera jtejbu l-faċilitajiet li joffru.

2.5.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab laqgħa mal-iżviluppatur u l-Perit Mario Axisa, li ressaq l-applikazzjoni lill-MEPA.

### 2.6.1. Rinovar tal-estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali (K/1/2/Vol V)

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*Green Public Procurement Office* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta l-kunsens tiegħu sabiex tiġi ppublikata s-sejħa għall-offerti, filwaqt li d-dokument tal-offerta ġie spjegat mill-Perit J. Attard bil-għan illi jiġi aċċertat li x-xogħol kollu meħtieġ ġie nkluż fiħ. Is-Segretarju qal li s-sejħa tagħlaq fit-3 ta' Diċembru 2012.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-progress li kien hemm fuq din il-materja.

### 2.7.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)(P/10/3/Vol III)

2.7.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-test tal-ftehim dwar it-tmexxija tal-*heritage trail* ġie mgħoddi lill-Fondazzjoni ARKEO. Is-Sur C. Debono fakkar ukoll li l-istess fondazzjoni jeħtieġ tgħaddi t-test li jrid isir fuq it-tabelli ta' informazzjoni intenzjonati sabiex jispjegaw lill-pubbliku l-postijiet ta' interess inklużi fil-*heritage trail*. Il-kuntrattur inkarigat mix-xogħol għadda kampjun tal-materjali li jista' jiġi użat f'dawn tabelli.

2.7.3. Wara li ra l-kampjuni kollha li għadda l-kuntrattur inkarigat, il-Kunsill għażel il-kampjun li jinvolvi injam minħabba l-ambjent rustiku li ser jitwaħħlu fiħ, filwaqt li l-kitba ssir fuq sfond abjad sabiex tiffaċilita l-qari tat-test li ser isir fuqhom. Minkejja dan, ma ttieħditx deċiżjoni finali fuq din il-materja.

2.7.4. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Fundazzjoni ARKEO ħadet posizzjoni li ma tgħaddix it-test tat-tabelli qabel jiġi ffirmat il-ftehim magħha.

2.7.5. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li meta jitqies il-valur tal-kuntratti mogħtija lill-Salamanda Ltd mal-ammont ta' fondi allokati mill-Unjoni Ewropea, jidher li ser jibqa' bilanċ li jista' jiġi wtilizzat sabiex issir sistema ta' CCTV għas-sigurta' tal-*interpretation centre* li ser ikun hemm fl-irżieżet ta' Selmun. Biex isir dan, l-Aġenzija tal-Pagamenti talbet li jitħejja *bill of quantities* sabiex jiġi kkunsidrat jekk l-fondi jistgħux jintefqu għal dan il-għan.

2.7.6. Il-Kunsill approva l-użu tal-fondi sabiex titjieb is-sigurta` permezz ta' sistema tas-CCTV.

### 2.8.1. PA 5985/09 - Kamra tan-nar f'Qasam Barrani (P/5/8/Q)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina ppreżentat petizzjoni ffirmata minn għad ta' persuni dwar l-appell li għandha pendenti quddiem il-MEPA. Din ġiet ppreżentata fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u fil-Ministeru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Progress tax-xogħol fuq il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol V)

2.9.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u qal li għalkemm il-kwistjoni ma' 240 Ltd għadha ma' ġietx riżolta, dan kompla bix-xogħol tal-*rubber flooring* tal-korsa u mistenni li jintemm fil-31 ta' Ottubru 2012. Ikun jonqos li jsiru l-linji ta' demarkazzjoni fil-*multi-purpose court* u fil-korsa.

2.9.3. Is-Sur R. Cutajar informa lill-Kunsill li huwa ta l-kunsens tiegħu biex il-Mellieħa Netball Team juża l-*multi-purpose court* għas-sessjonijiet tat-taħriġ. Dan qed isir billi jsir użu proviżorju mill-provista tal-elettriku minn Ġnien Dun Anton Debono. Ittieħdet l-opportunita` biex jiġi żgurat li s-sistema tad-dwal fl-istess *court* hija sodisfaċenti. Ġie ċċarat li t-timijiet tal-basketball, volleyball u n-netball ser jibbenefikaw direttament mill-Fond għall-Kawżi Ġusti ammistrat mill-Ministeru tal-Finanzji u l-Investiment, sabiex jinxtraw l-attrezzi meħtieġa fil-*court* innifsu u mhux għad-*dressing rooms*.

2.9.4. Kien hemm qbil li għandha jitqabbad kuntattur sabiex inaddaf id-*dressing rooms* qabel jiġi nawgurat il-proġett.

### 2.10.1. Proġett ta' *Landscaping* fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

2.10.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li l-attivita` tal-inawgurazzjoni tal-proġett imsemmi tkun tinvolvi t-tfal tal-ħames klassi fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Dawn ser itellgħu reċta bl-isem "In-Natura Tirraġuna". Fl-istess attivita' huwa ssuġġerixxa wkoll li t-tfal iħawwlu numru ta' siġar taż-żebbuġ, tal-għorgħar u taċ-cercis. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li tiġi mistiedna l-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi l-Onor. Dolores Cristina.

2.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa mis-Sindku.

### 2.11.1. Asfaltar / Rikostruzzjoni ta' toroq (T/4/7/Vol III)

2.11.2. Saret referenza għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku qal li minn kuntatti li kellu ma' Transport Malta sar magħruf li l-istess awtorita` għamlet sejħa għall-offerti sabiex flimkien ma' Triq il-Qortin isiru wkoll Triq Ġużeppi Schembri, Triq it-Trill, u Triq il-Fuħħar fil-Manikata.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 25/10/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/10/12 - 25/10/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/09/12 – 04/10/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Stimi dwar il-Kiri u Tħaddim ta' Apparat tal-Audio – Milied Mellieħi 2012
- Stima dwar il-Kiri ta' Tinda – Milied Mellieħi 2012
- Rendikont ta' dħul u infieq b'rabta mal-Konferenza Terra Mirabilis – 06-08/10/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Taxi Stands* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol IX)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 15 ta' Ottubru 2012, mibgħuta minn Transport Malta dwar talba li saritilha mill-White Taxi Licensed Amalgamated sabiex isiru żewġ *taxi stands* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, qrib il-kantuniera ma' Triq San Publiju, quddiem is-Salita Hotel.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba m'għandiex tintlaqgħa fuq il-kriterji segwenti:

- l-allokazzjoni ta' spazji għat-*taxi stands* mitluba ser inaqqsu l-ispażju għall-parkeġġ fiż-żona;
- jeżistu parkeġġi riżervati fl-istess żona;
- bi qbil ma' Transport Malta, kien tnaqqas l-ispażju għall-ipparkjar bi kważi 50% matul Triq Ġorġ Borg Olivier kollha u fi Triq il-Marfa, biswit Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

### 4.2.1. Tismija ta' Toroq (T/4/1/Vol II)

4.2.2. Il-Kunsill ġie mfakkar f'deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 73 tal-10 ta' Awwissu 2012, fejn kien ġie deċiż li għandha ssir talba lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex Taraġ il-Landiera jissemma mill-ġdid "Taraġ George Fenech". Saret referenza wkoll għal ittra datata 10 ta' Ottubru 2012, mibgħuta mill-istess kumitat, fejn dan ma laqax it-talba skont l-Avviż Legali 176 tal-l-1995, billi ma dehrlux li hemm raġuni valida għal bidla bħal din.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-tweġiba m'hijiex ġustifikata, peress li l-artist George Fenech kien persuna rinomata fil-qasam tiegħu, li għamel ġieħ lill-Mellieħa. Ġie nnutat ukoll li t-tibdil mitlub mhux ser jikkawża ebda nkonvenjent minħabba li fi Triq il-Landiera m'hemm ebda residenti, ħlief familjari tas-Sur Fenech.

### 4.3.1. PA 4122/10 – *Bus shelter* f'Ghajn Tuffieha (B/6/Vol V)

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 16 ta' Ottubru 2012 mibgħuta mill-MEPA, dwar l-applikazzjoni msemmija li saret mill-Kunsill sabiex jiġi ssanzjonat il-*bus shelter* li sar f'Għajn Tuffieħa, faċċata tal-Apple's Eye Restaurant. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-MEPA kienet ġibdet l-attenzjoni aktar kmieni fl-2012 li sabiex l-applikazzjoni tkompli tiġi kkunsidrata, jeħtieġ illi l-*bus shelter* jiġi mressaq aktar 'il ġewwa fil-bankina (1.5 m mill-kurduna), kif ukoll li titħallas multa ta' €1,537.44. Intqal ukoll li f'April 2012, li l-Kunsill iddeċieda li s-sidien tiegħu - Faces Consultants Ltd – għandhom jintalbu jressqu l-*bus shelter*, kif ukoll biex iħallsu l-multa. Dan għar-raġuni li l-Kunsill ma talabhom iwaħħlu ebda *bus shelter* mingħajr permess, kif ukoll li huma sa dan ittant għamlu qliegħ bir-reklamar fuq l-istess *bus stop*. Faces Consultants Ltd qed jallegaw verbalment li huma ġew imqabbdin mill-Kunsill biex iwaħħlu l-*bus shelter* u għalhekk mhux lesti li jħallsu l-multa u lanqas iċaqalju l-*bus shelter*. Il-MEPA tat sad-9 ta' Novembru 2012 biex ikun jista' isir dan. Jekk dawn ma jsirux, l-applikazzjoni taqa', filwaqt li l-*bus shelter* ikun soġġett għal azzjoni diretta, bl-ispejjeż fuq il-Kunsill, għaliex l-applikazzjoni saret f'ismu.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikkonċedi li jħallas il-multa imposta mill-MEPA, filwaqt li tibqa' issir insistenza fuq Faces Consultants Ltd sabiex jispustjaw il-*bus shelter,* kif mitlub mill-Awtorita`, qabel jiskadi ż-żmien mogħti.

### 4.4.1. Ħolqien ta' *underwater trail* għall-għaddasa fiż-żona marittima protetta bejn l-Irdum tal-Mejjiesa sa Ras il-Waħx (X/1/6/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' Ottubru 2012, mibgħuta minn Adi Associates li ġew inkarigati mill-MEPA sabiex jagħmlu studju dwar il-proġett imsemmi. Is-Sindku qal li huwa, flimkien mal-Kunsillier C. Bartolo u s-Segretarju C. Debono itaqgħu mal-Perit Adrian Mallia fit-29 ta' Ottubru 2012, li spjega dwar x'jinvolvi dan il-proġett u xtaq li jisma' mingħand il-Kunsill fatturi li jistgħu jaffettwawħ.

4.4.3. Is-Sur R. Cutajar qal li personalment jara li bl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, il-Mellieħa jkollha attrazzjoni oħra li tħajjar lit-turisti jżuruha, li finalment tħalli effetti pożittivi fuq il-kummerċ. In-naħa tal-Kunsill mandankollu ġibdet l-att li:

- Ma jinħolqux aċċessi ġodda minn fuq l-art, filwaqt li jiġu mħajjar aċċess mill-baħar;
- Il-*heritage trail* ikun integrat mal-immaniġġjar tar-Ramla tal-Mixquqa u bajjiet oħra affettwati;
- Sajjieda dilettanti m'għandhomx jintlaqtu f'dak li huwa aċċess għal *boathouses* tagħhom fl-Irdum tal-Mejjiesa;

4.4.3 Il-Kunsill innota u approva l-punti mqajjma waqt il-laqgħa skont il-minuta 4.4.3.

### 4.5.1. *European Year for Active Ageing and Solidarity Between Generations* (N/1/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 30 ta' Ottubru 2012, mibgħut EY2012 Team fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, li permezz tiegħu saret stedina sabiex rappreżentant mill-Kunsill jattendi għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li ser jiġu ppreżentati taħt sit kategorijiet, li jittrattaw:

- *Social Entrepreneurs;*
- *Workplaces for All Ages;*
- *Towards Age-Friendly Environments;*
- *generations@school;*
- *Life Store Challenge; u*
- *Reporting on Ageing and Relations between the Generation.*

4.5.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill tal-Mellieħa ġie nnominat għal dan il-premju mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kura tal-Anzjani u Kura fil-Komunita` taħt il-kategorija *Towards Age-Friendly Environments* peress li l-Kunsill kien strumentali fit-twaqqif ta' Ċentru ta' Matul il-Jum u *Night Shelter* f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

4.5.4. Il-Kunsill innota u approva li s-Sindku jattendi għal din iċ-ċerimonja fi Brussel fit-13 ta' Novembru 2012.

### 4.6.1. Parkeġġ riżervat għal persuni b'diżabilita` fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/8/2/Vol IV)

4.6.2. Saret referenza għall-ittra datata 12 ta' Ottubru 2012 mibgħuta mis-Sur Emanuel Fava sabiex jitneħħa l-parkeġġ imsemmi hawn fuq u jsir mill-ġdid fi Triq Sant' Elena. Is-Sur Fava talab dan peress li l-ħruġ bil-vetturi mill-pjazzetta għal Triq Ġorġ Borg Olivier huwa perikoluż.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mill-post fejn isir id-dħul u l-ħruġ għall-pjazzetta, wieħed jara sewwa t-traffiku, kemm fi Triq il-Kbira, kif ukoll fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Għaldaqstant kien hemm qbil li jitħalla l-arranġament eżistenti.

### 4.7.1. Skema Libreriji Pubbliċi 2013 (L/4/Vol III)

4.7.2. Is-Segretarju rrefera għal Memo 40/2012 datat 29 ta' Ottubru 2012 dwar l-iskema msemmija. L-istess skema tipprovdi li kunsill lokali b'seba' kunsillieri jista' jibbenefika sa €900, sakemm jobbliga ruħu li joħroġ l-istess somma u jixtri kotba mingħand djar tal-pubblikazzjoni Maltin inklużi fil-lista mehmuża mal-istess memo. Id-djar tal-pubblikazzjoni nvoluti aċċettaw li joffru skont ta' 30%.

4.7.3. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni fl-iskema.

### 4.8.1. Attivita' dwar tħawwil ta' siġar f'Għajn Tuffieha (I/1/Vol IX)

4.8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' *e-mail* datat 29 ta' Ottubru 2012, il-Ministeru għall-Ambjent u l-Affarijiet Rurali stieden lill-Kunsill sabiex jieħu sehem f'attivita` li ser issir fl-area tal-Iscouts f'Għajn Tuffieħa, nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru, bejn l-10.00am u l-5.00pm.

4.8.3. Il-Kunsill innota l-istedina.

### 4.9.1. Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2012 (F/5)

4.9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ittra datata 29 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stieden lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb li ser issir bejn is-6 u l-11 ta' Novembru 2012 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenza fil-Belt Valletta. Is-Sindku nnota li l-Kunsill tal-Mellieħa huwa l-uniku wieħed li pparteċipa fl-aħħar tliet edizzjonijiet ta' din il-fiera u ppropona li għandha terġa tittieħed din l-opportunita` biex jinbiegħu pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill, kif ukoll oħrajn ta' awturi Melleħin. Huwa issuġġerixxa li s-Sinjuri Jimmy Muscat u Clifford Vella sabiex ikunu preżenti fl-i*stand* tal-Kunsill

4.9.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### 4.10.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

4.10.2. Is-Sindku għarraf li permezz ta' ittra datata 15 ta' Ottubru 2012, il-Kumitat Olimpiku Malti ħabbar li bħala parti mill-*MOC Sports Awards*, il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jressqu nominazzjonijiet għall-kontribut mogħti minnhom lill-isports Malti, fuq diversi kriterji li jappartjenu l-qasam tagħhom.

4.10.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li titressaq nomina f'isem il-Kunsill a bażi tal-kontribut mogħti fir-rigward tal-oqsma segwenti:

- Partecipazzjoni fl-isports minn tfal sa persuni tat-tielet eta`;
- Ħidma mal-għaqdiet sportivi fil-Mellieħa;
- Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena;
- Taħdidiet b'rabta mas-saħħa fiżika u n-nutrizzjoni fl-isports;
- Żvilupp tal-Park tal-Familja li jinkludi faċilitajiet sportivi;
- Turiżmu Sportiv fil-Mellieħa; u
- Opportunitajiet għall-Isportivi Melleħin barra minn Malta.

4.10.4. Il-Kunsill qabel li għandha titressaq nomina fuq il-kriterji msemmija hawn fuq.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Ottubru 2012

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn it-3 ta' Settembru u l-25 ta' Ottubru 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

### 7.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi u attivitajiet oħra bejn Ottubru u Diċembru 2012 (A/5/3/6/Vol III)

7.2. Is-Segretarju għarraf li saret sejħa għal kwotazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern, kif ukoll fil-gurnal The Malta Independent, dwar l-armar tat-tinda, kif ukoll għall-kiri u tħaddim tal-apparat tal-audio. Kompla jgħid li fil-każ tat-tinda kien hemm stima waħda biss minn MFCC Ltd li tammonta €4,100, filwaqt li fir-rigward tal-audio kien hemm il-kwotazzjonijiet segwenti:

| Kuntrattur | Indirizz | Prezz inkluż il-VAT (€) |
|---|---|---|
| Tricky Sound System | Flower Lodge, Triq ix-Xitwa, Qormi QRM5231 | 1,600.00 |
| Sound Solutions | 48, Triq Indri Micallef, Luqa | 1,770.00 |
| The Sound System Co. Ltd | Triq il-Karozzin, Msida MSD 1063 | 2,643.20 |
| Amac Ltd | 41, Triq Joe Sciberras, Hamrun | 1,995,38 |
| The AV Warehouse | Triq is-Siggiewi, Zebbug ZBG2300 | 2,065.00 |

7.3. Il-Kunsill approva x-xiri tas-servizzi msemmija mingħand MFCC Ltd u Tricky Sound System bil-prezz ta' €4,100 u €1,600, rispettivament.

7.4. Is-Sindku għarraf li saret il-laqgħa mal-għaqdiet volontarji tal-Mellieħa li normalment ikunu preżenti taħt it-tinda biex jagħtu s-servizzi tagħhom f'dak li huwa bejgħ ta' ikel u affarijiet oħra.

7.5. Is-Sur R. Cutajar għadda biex ippropona l-kontenut tal-programm li tħejja sad-data tas-seduta, li jikkonsisti fis-segwenti:

- Programm ta' mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali bil-parteċipazzjoni tal-pjanist Clifford Borg u l-kantanta Miriam Christine Borg;
- Programm mill-*Junior Choir* tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina taħt it-tinda;
- Disney Magical Parade fit-toroq ewlenin u vjaġġi bit-*Trackless Train*;
- Programm mill-Korr tal-Banda Imperial;
- Kunċert live mill-Philip Vella Band;
- Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali organizzata mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ;
- Attivita` għall-anzjani;
- *Performances* minn Keith Dance Studio u mill-Adonel Dancers;
- *Party* għat-tfal;
- Kant u żfin minn tfal fuq bażi ndividwali;
- Kant mit-tfal li jattendu l-iskola ta' Phylissiene Brincat;
- Kunċert *live* mill-Grupp Jamm bil-parteċipazzjoni tal-kantanti stabbiliti;
- Purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin mit-tfal tal-MUSEUM;
- Għanjiet tal-Milied mit-tfal tal-Iskola Primarja, mill-Korr tal-Banda La Vittoria u tal-Banda Imperial;
- *Christmas Breakfast*; u
- Spettaklu mill-grupp ta' żeffiena Artemocion u mill-grupp Deja Vu.

7.6. Dwar il-preżentaturi, is-Sindku qal li attwalment għaddejjin kuntatti ma' diversi persuni Melleħin u oħrajn mhux mill-Mellieħa. Huwa ppropona li dawn ikunu wieħed differenti kull sessjoni, filwaqt li l-ħlas relattiv ikun ta' € 100 bil-VAT inkluża.

7.7. Il-Kunsill approva l-programm.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

***"Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2012 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata period contract dwar resurfacing ta' toroq u xogħlijiet anċillari; u***

***Billi saret sejħa għall-offerti, skond l-Att tal-Kunsilli Lokali ta` l-1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex jinstab kuntrattur li lest jagħti servizz ta' Contract Management fuq l-imsemmija xogħlijiet; u***

***Billi l-offerti kollha li saru ġew evalwati mit-Tender Adjudcation Board, li għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu skont il-minuti tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2012, liema rakkomandazzjoni ġiet ratifikata mill-Kunsill fis-seduta Nru. 75 tad-9 ta' Ottubru 2012;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Daniel Cordina, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Diċembru 2012."***. (K/6/5/3/Vol II)

8.2. Is-Segretarju għarraf li l-Perit Stepehn Farrugia ta' M.P. & D.C. Ltd, verbalment allega miegħu li l-Kunsill ma mexiex skont il-proċedura meta ma għarrfux li għandu jġedded il-*bid bond* li ssottometta mal-offerta tiegħu u għalhekk l-offerta tiegħu kienet żvantaġġjata waqt l-aġġudikazzjoni minħabba dan il-fattur. Is-Sur C. Debono stqarr li l-liġi mkien ma' tobbliga lill-Kunsill jitlob lill-offerenti jġeddu il-*bid bond* meta din tiskadi u għalhekk huwa l-obbligu tal-offerent li meta jiġi notifikat mill-bank dwar l-iskadenza tal-garanzija jġeddidha, kemm-il darba ma jkunx irċieva korrispondenza mill-Kunsill dwar l-eżitu` tal-aġġudikazzjoni. Dan jirriżulta mill-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali, kif ukoll mir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Proċeduri) S.L.363.12.

8.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrimarka li l-offerta ta' M.P. & D.C. Ltd ma ġietx *shortlisted* a bażi tal-*bid bond*, imma fuq il-kriterju tar-rata kkwotata.

8.4. Is-Segretarju reġa ntervjena billi ġibed l-attenzjoni li l-offerta ta' M.P. & D.C. Ltd ma kinitx affettwata bil-validita` tal-*bid bond*, peress li attwalment l-istess ditta għandha żewġ *performance bonds* validi għaf-favur il-Kunsill, kif jidher hawn taħt:

| | | | |
|---|---|---|---|
| BOV | G63TFC2789 | *Contract Management - Road Resurfacing* | Tiskadi fil-31/12/2012 |
| BOV | G63TFC3313 | *Service of Architect and Civil Engineer* | Tiskadi fit-28/11/2012 |

8.5. Ir-rizoluzzjoni ġiet posposta għas-seduta li jmiss sabiex jintalab parir legali.

## 9.1. Tħejjijiet għall- *Eco-School National Operators Meeting 2012* (K/11/1)

9.2. Is-Sindku għarraf li 80 delegat mid-dinja kollha ser jattendu għall-konferenza msemmija, li ser tiżolvi bejn it-8 u l-11 ta' Novembru 2012 fil-Mellieħa Holiday Centre fl-Għadira.

9.3. Kompla jgħid li l-istabbilimenti ta' dik iż-żona bħal Mellieħa Hotel, Maxima u San Remo ġew involuti wkoll f'dawk li huma ikliet għad-delegati. Minbarra l-konferenza, il-programm jinvolvi wkoll sessjoni fejn ser jinħelsu numru ta' fkieren fil-baħar, dawra mal-Mellieħa u oħra f'postijiet ta' interess madwar Malta.

9.4. Is-Sur R. Cutajar spjega li l-ħlasijiet ser jiġu pproċessati mill-ko-organizzaturi tal-konferenza – in-Nature Trust – liema spejjeż ser jiġu rkuprati permezz ta' finanzjament li ser jingħata kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali | €12,000 |
| Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi | €4,000 |
| Skema Konferenzi mħaddma mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Investiment flimkien mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu | €13,050 |
| Baġit tal-Kunsill intiż għal Promozzjoni Turistika – Kont 2930 | €5,000 |

9.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li mhux l-ispejjeż kollha nvoluti huma eliġibbli għall-finanzjament mis-sorsi msemmija hawn fuq u għalhekk dawn jeħtieġ li jiġu separati bil-għan li l-parti l-kbira tagħhom jiġu rkuprati minn Nature Trust direttament. L-ispiża stmata f'dak li jirrigwarda lill-Kunsill mistennija tkun imqassma hekk:

| | |
|---|---|
| Lejla Maltija | €1,452 |
| *Stationery* | €1,210 |
| Ktieb – *Quest for Identity* | €1,800 |
| *Set-up* tas-Sala tal-Konferenza | €1,567 |
| *Envelopes* Kommemorattivi | €525 |
| Direttorju dwar il-Mellieħa | €990 |
| DVDdwar il-Mellieħa | €540 |
| Servizz ta' Mużiċist u Kantant | €230 |
| Servizz ta' Fotografu | €50 |
| *Mementos* | €405 |
| **Total** | **€8,769** |

9.6. Ġie spjegat li l-kontijiet li huma eliġibbli għall-finanzjament taħt l-iSkema Konferenzi mħaddma mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Investiment flimkien mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu jeħtieġ li jiġu koperti mill-Kunsill qabel jiġu rkuprati. Il-kontijiet relatati ma' fondi rikoverabbli miż-żewġ sorsi l-oħra ser jiġu koperti minn Nature Trust, peress li l-fondi ser jiġu mgħoddija direttament lill-istess organizzazzjoni mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali u Mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impiegi. Il-Kunsill approva l-ispiża wara li ra illi parti sostanzjali minnha ser tiġi rkuprata mis-sorsi ndikati fil-minuta 9.4.

9.7. Il-Kunsill approva l-kontribut tal-parti tiegħu għal din l-inizjattiva.

## 10.1. Ftehim dwar il-manutenzjoni tal-funtani fi Triq Qasam Barrani u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (K/6/4/1/Vol III)(P/4/20/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju rrefera għat-test taż-żewġ ftehim mibgħuta minn Attard Farm Supplies Ltd. Huwa spjega li l-istess ditta kienet ġiet *sub-contracted* minn Central Asphalt Ltd li ġew kuntrattati mill-Kunsill sabiex iwettqu l-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa, li ġie nawgurat f'Awwissu 2012. L-istess proċedura ġiet segwita mill-kuntrattur Homeworxs Plus Ltd, illi wettaq il-proġett tas-*Soft Area* fi Triq Qasam Barrani/Triq il-Mitħna l-Ġdida. Huwa qal li fir-rigward ta' Triq Qasam Barrani l-ispiża ġiet ikkwotata għal €162.33 fix-xahar, filwaqt li dik ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II €199.50 kull xahar. L-istess ftehim jipprovdi li:

- Jsiru 26 spezzjoni kull sena;
- Partijiet difettużi jinbidlu mingħajr ħlas fl-ewwel sentejn minn meta ġie kkummissjonata l-funtana;
- Il-ftehim jestendi awtomatikament l-garanzija mogħtija mill-manifattur għal perjodu ta' tliet snin mid-data tal-ikkommissjar tal-funtana.

10.3. Meta kkunsidra l-ispiża nvoluta fl-installazzjoni tal-funtani in kwistjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jidħol għaż-żewġ ftehim billi dawn jirrikjedu attenzjoni kontinwa minn persuni mħarġa fl-issettjar u l-manutenzjoni, li n-naqqas tiegħu jista' jirriżulta fi kwistjonijiet dwar il-garanzija mogħtija, għallinqas fl-ewwel sentejn mill-ikkummissjonar tal-funtani.

### 11.1. Restawr ta' beni fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (R/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jieħu l-inizjattiva biex jiġu rrestawrati l-kappella u l-istatwa ta' San Pawl u possibilment jinxtegħlu wara li jidlam. Is-Sur R. Cutajar għalhekk ippropona li ssir laqgħha maċ-*chief executive officer* tal-MEPA - Dr Ian Stafrace - partikularment biex jiġi stabbilit x'permessi huma meħtieġa u possibilment biex jinġieb finanzjament. Huwa qal li l-laqgħa ser issir fil-21 ta' Novembru 2012 u stieden lill-Kunsillier J. Buttigieg sabiex jattendi flimkien miegħu.

11.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva li qed tittieħed.

### 12.1. Servizz bi *trackless train* fil-lokalita` (T/5/3)

12.2. Is-Sindku għarraf li tkomplew il-kuntatti ma' Transport Malta dwar is-servizz imsemmi, u fil-fatt saret laqgħa mas-Sur Vincent Micallef Pule` - *Senior Manager Road Transport Licensing*. Mill-istess laqgħa sar magħruf li ż-żewġ operaturi li jiffunzjonaw f'San Pawl il-Baħar u f'Marsaxlokk huma permessi li jaħdmu massimu ta' ħamest'ijiem kull wieħed 'il barra mir-rotta normali tagħhom. Għalhekk teżisti l-possibilta` li dawn jinġiebu fil-Mellieħa darba kull wieħed, bi frekwenza ta' darba fil-ġimgħa.

12.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

### 13.1. *Young Reporters for the Environment Conference* (K/11/1)

13.2. Is-Sindku qal li f'Jannar/Frar 2013, tiżisti l-possibilta` li ssir konferenza fil-Mellieħa tal-*Young Reporters for the Environment (YRE)* fi ħdan il-*Foundation for Environmental Education*. Din l-organizzazzjoni mhux governattiva hija nvoluta fil-klassifikazzjoni tal-bajjiet, hija disposta li torganizza l-konferenza f'Malta u lesta tikkontribwixxi sa massimu ta €7,000. Is-Sur R. Cutajar ppropona li l-Kunsill ikun sħab mal-FEE fl-organizzazzjoni tal-konferenza sakemm tinkiseb għajnuna finanzjarja mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Investiment u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u jsir użu mill-vot dwar il-Konferenzi tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2013.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni taħt l-iskema mħaddma miż-żewġ entitajiet governattivi msemmija.

### 14.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2013 (A/5/3/1/Vol XII)

14.2. Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil li l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill 2013 għandhom iseħħu aktar kmieni mis-soltu peress li jistgħu jaħbtu mal-elezzjoni ġenerali. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-attivitajiet għandhom jseħħu bejn il-31 ta' Jannar u t-3 ta' Frar 2013.

14.3. Kien hemm qbil ukoll li s-serata li fiha jiġu ppreżentati l-onorefiċenzi għandha tkun taħt il-patroċinju tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Pawlu Cremona – Arċisqof Ta' Malta. F'każ li dan ma jkunx possibbli għandu jiġi mistieden l-Isqof Awżiljarju l-Eċċ. Tiegħu Mons. Charles Scicluna. Is-sejħa għan-nominazzjonijiet għandha ssir lejn l-aħħar ta' Diċembru, filwaqt li d-data tal-għeluq tkun il-15 ta' Jannar 2013.

14.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiġi ppreparat servizz awdjo-viżiv dwar ħidmet il-Kunsill Lokali fl-aħħar ħames snin. Dan ikun jista' jintwera waqt is-serata ta' Jum il-Kunsill, nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2013.

### 15.1. Titjib fl-aċċess għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija minn Triq il-Kappillan Magri (A/6/7/2/Vol II)

15.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li nbeda x-xogħol fuq il-proġett imsemmi. Wieħed mir-residenti lmenta li l-aċċess għal garaxx tiegħu li jinsab fi Triq il-Kappillan Magri, kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Għar, ser jiġi mxekkel għaliex tnaqqaslu l-ispazju fejn jista' jimmanuva bil-vettura biex jidħol u joħroġ mill-istess garaxx.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa fuq il-post, sabiex possibilment tinstab soluzzjoni.

## 16.1. Asfaltar ta' Triq it-Tunnaġġ (T/4/7/Vol III)

16.2. Is-Sindku rrefera għall-minuti tas-Seduta Nru. 50 tal-11 ta' Marzu 2011, fejn huwa kien għarraf li s-sidien ta' Tas-Sellum Residence – Tumas Group – wrew l-intenzjoni li jasfaltaw Triq it-Tunnaġġ illi hija wieħed mill-aċċessi għall-istess kumpless. Il-kuntrattur li ġie nkarigat mill-proġett – Polidano Group – bdew ix-xogħol fuq il-post u nqala' diżgwid mar-residenti dwar il-livelli. Wara li nġibdet l-attenzjoni mill-Kunsill, irriżulta li x-xogħlijiet ma kinux koperti bil-permess ta' Transport Malta u għalhekk twaqqaf kollox sakemm tiġi regolarizzata l-posizzjoni. Sussegwentement, Polidano Group applikaw ma' Transport Malta skont il-proċedura normali.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Kaċċa ġewwa l-Park tal-Majjistral (A/4/10)

17.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar x'inhi l-posizzjoni rigward kaċċa fil-Park tal-Majjistral. Huwa kompla billi staqsa jekk huwiex permess li ssir kaċċa wara d-9.00am.

17.3. Is-Sindku wieġeb li billi għadha ma ġietx ppubblikat ebda avviż legali speċifikament dwar il-Park tal-Majjistral, għandhom jiġu osservati l-liġijiet tal-kaċċa, applikabbli fuq bażi nazzjonali.

## 18.1. AvventuraSajf 2012 (E/3/4/Vol VIII)

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-*gift vouchers* li jingħataw lill-*helpers* żgħażagħ involuti fis-*summer school* AvventuraSajf 2012, li ġiet organizzata mill-Kunsill fl-Lulju u Awwissu 2012. Huwa ġibed l-attenzjoni għas-sehem mogħti mis-Sur Manuel McClosky, li huwa persuna adulta li s-sehem tiegħu għen ħafna biex din l-inizjattiva rnexxiet. Is-Sur H. Fenech ippropona li l-*voucher* tiegħu tkun ibbażata fuq l-attendenza bir-rata ta' €3.00 fis-siegħa.

18.3. Il-Kunsill approva din ir-rata.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar t-Tlieta 20 ta' Novembru 2012 fis-7.00pm

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**